# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 11 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chantelle Casha)**
**vs**
**Adrian Grech**

## Kump. Numru 352/2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Adrian Grech, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija bin-numru 601582(M).

Akkuzat talli, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli nhar it-tnejn ta' Gunju 2018 gewwa r-residenza bin-numru 82, Triq tal-Borg, Rahal Gdid u /jew f'dawn il-gzejjer:-

- Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ellen Mikaelsdotter Linde hekk kif certifikat minn Dr. David Grech Reg. No. 3583 minn Paola Health Centre;
- U aktar talli hebb ghall-persuna ta' Ellen Mikaelsdotter Linde sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmilla hsara;

- U aktar talli bla ordni skond il-ligi minn awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil persuna ta' Ellen Mikaelsdotter Linde kontra l-volonta taghha jew provda l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata;
- U aktar talli kkaguna biza fuq il-persuna ta' Ellen Mikaelsdotter Linde li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra il-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;
- U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi ghamel lil Ellen Mikaelsdotter Linde ingurji jew theddied u jekk kien provokat, hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
- U aktar talli kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku b'ghajjat, storbju u glied.

Il-Qorti giet mitluba, meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Ellen Mikaelsdotter Linde u jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti dan ai terminu tal-artikolu 383, 284 u 385 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll jekk jidrilha xieraq, minhabba f'ragunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza Ellen Mikaelsdotter Linde jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat u dan ai terminu tal-artikolu 412(c) tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll biex tittratta mal-imputat bhala wiehed li rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi fil-Qorti ta' Malta li gew definittivi u ma

jistawx jinbidlu, kif pruvat fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, kif ippruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar it-28 ta' Jannar 2019 il-parte civile iddikjarat li qed tahfer lill-imputat u li tixtieq terga' tibda relazzjoni mieghu; f'dik l-istess udjenza hija rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali kull fejn din hija rinunzjabbli.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha hlif ghat-tieni u ghall-hames wahda; huwa kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet il-provi u t-ttrattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-parte civile irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali, ghalhekk il-procediment fir-rigward tat-tieni u tal-hames imputazzjoni huwa ezawriet.
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet l-ohra kollha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-mahfra tal-parte civile u x-xewqa taghha li terga tibda relazzjoni ma'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tat-tieni u tal-hames imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 49, 50, 86, 87(h), 221, 222(1)(a) u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq

ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jsegwi programm dwar anger management. Stante x-xewq tal-parte civile li terga tibda relazzjoni ma’l-imputat l-Qorti mhiex qed tilqa’ t-talbiet ghal provedimenti taht l-artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti spjegat lill-iputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotiha u jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**